14 ta' Ottubru, 1946.

**Imħallef:**

L-Onor. Dr. Albert V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

**Carmela Sammut et.** *versus* **Paolo Sammut**

**Serviġi — Gratuwità.**

*Skond il-ġurisprudenza kostanti tagħna, is-serviġi magħmula minn persuna lil persuna oħra tal-familja, jew affini, jippreżumu ruħhom bħala li jew magħmule "pietatis vel familiaritatis causa". Imma l-preżunzjoni tal-gratuwità tiġi newtralizzata meta dawn is-serviġi jikkaġunaw mhux biss perditi materjali, imma anki inkomodi jew sakrifiċċi personali, kif ukoll meta jkun hemm in-neċessità tal-prestazzjonijiet, jew meta dawn isiru minn persuna li tkun qiegħda tagħmilhom bit-tama ta' xi taxxitu jew ħlas, jew li tkun fil-bżonn.*

*Barra minn dawn il-prinċipji stabbiliti mill-ġurisprudenza lokali, hemm imbagħad il-prinċipji ġenerali stabbiliti mix-xjenza ġuridika u bażati fuq l-elementi legali, ċjoè l-fatt materjali tas-servizz akkompanjat mill-intenzjoni tal-partijiet li jagħtuhom u rispettivament jirċevuhom.*

Il-Qorti — Rat it-talba ta' l-atturi li, wara li talbu li jingħataw id-dikjarazzjonijiet neċessarji u li jiġu mogħtija l-provvedimenti meħtieġa, u wara li ppremettew li, peress li huma rrendew serviġi, assistenzi u kuri, ċjoè l-attriċi Carmela Sammut għaż-żmien ta' għoxrin sena, l-attur Alfonso Maria Borg għal tlittax-il sena, l-attriċi Maria Assunta Borg għal għaxar snin, l-attur Joe Borg għal tmien snin, u l-atturi Lucy u Jessie għal erbgħa snin, kull waħda, jew għal żmien ta' kull wieħed u waħda aktar verjuri; talbu l-kundanna tal-konvenut għal somma li tiġi likwidata u stabbilita minn din a l-Qorti, anki per mezz ta' periti nominandi, bħala ħlas ta' kumpens lil kull wieħed u waħda minnhom għas-serviġi, assistenzi u kuri li kull wieħed u waħda minnhom irrendew lill-istess konvenut. Bl-ispejjeż, komprizi dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-7 ta' Lulju 1944 u tas-sekwestru kawtelatorju tal-5 ta' Diċembru 1944, kontra l-konvenut li ġie ngunt ħalli jidher sabiex jissubixxi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi qabel xejn jingħad illi skond il-ġurisprudenza kostanti ta' dana l-pajjiż dwar għandux jew le jingħata kumpens għas-

serviġi li jkunu pprestaw nies tal-familja lil xi membru jew membri li ma jkunux wisq remoti minnhom, ġew stabbiliti dawn il-prinċipji :—

1. Illi s-serviġi magħmula minn persuna lil persuna oħra tal-familja, jew affini, jippreżumu ruħhom bħala li ġew mogħtija "pietatis vel familiaritatis causa", u speċjalment meta l-bniena u karità tal-familja ma jistgħux ikunu assolutament esklużi, sija minn xi konvenzjoni, sija minn ċirkustanzi oħra ta' saħħa sabiex ineħħu jew iħassru l-preżunzjoni kuntrarja (ara Vol. XVI pag. 316, *Prim'Awla* Ċivili, 18 ta' Ottubru 1898, "Wyatt utrinque et."; Vol. XVIII, P. II, pag. 103, Prim'Awla Ċivili, 30 ta' Jannar 1902, "Maria Carmela Farrugia vs. Francesca Farrugia et."; Vol. XXI—II—285, Prim'Awla *Ċivili*, 24 ta' Marzu 1911, "Grech Ellul vs. Orade Ellul ne."; Vol. XXIII—II—255, Prim'Awla Ċivili, "Gauci vs. Camilleri", 30 ta' *Ġunju* 1917; Vol. XXIV—II—526, Prim'Awla Ċivili, "Frendo vs. Galea", 11 ta' Marzu 1921, konfermata fl-Appell fit-30 ta' Jannar 1922, u li tinsab fil-Vol. XXV—I—30);

2. Illi l-presunzjoni tal-gratuwità għandha tkun newtralizzata meta *l-assistenzi* jikkaġunaw mhux biss perditi materjali, imma inkomodi jew sagrifiċċji personali; kif ukoll toqtolha n-neċessità tal-prestazzjoni (ara sentenza fuq ċitata Prim'Awla Ċivili "Wyatt utrinque et."), jew tiġi mogħtija minn persuna li tkun qiegħda bit-tama ta' xi laxxitu, ta' xi ħlas, jew tkun fil-*bżonn* (ara sentenza ċitata "Farrugia vs. Farrugia et.", u Vol. VII, pag. 430, *Prim'*Awla Ċivili, "Felice vs. Vella", 22 ta' Ġunju 1875, Vol. XXIII—II—43 Prim'Awla Ċivili "Grech vs. Pace ne." 17 ta' Marzu 1916—*sentenzi* fuq *ċitati* "Frendo vs. Galea" fl-ewwel u t-tieni istanza);

3. *Illi* jekk *min* ikun għandu d-dritt għall-kumpens ikun irċieva strejjen *mill-obligat*, jew dan l-aħħar imsemmi jkun ħallielu xi legat rimuneratorju, fl-ewwel ipotesi l-gratifikazzjonijiet imsemmija ma humiex ta' min jieħu kalkolu tagħhom *fil-likwidazzjoni* tal-kumpens (ara Vol. XXIII—II—43, Prim'Awla *Ċivili* "Grech vs. Pace ne.", 17 ta' Marzu 1916); u fit-tieni ipotesi, jekk il-legat *ma jkunx sufficjenti* sabiex jagħmel tajjeb għall-kumpens dovut, min għandu d-dritt jista' jirreklama dak li jkun jistħoqqlu aktar (ara Vol. XXIV—II—647, *Prim'*Awla

Ċivili, "Fenech vs. Caruana", 7 ta' Ottubru 1921, konfermata fl-Appell fit-22 ta' Marzu 1922);

Illi oltre dawn il-prinċipji stabbiliti mill-awtorità ġudizzjarja lokali, hemm imbagħad il-prinċipji ġenerali stabbiliti mix-xjenza ġuridika u bażati fuq l-elementi legali, u ċjoè l-fatt materjali tas-servizz akkumpanjat mill-intenzjoni tal-partijiet li jagħtuhom u rispettivament jirċevuhom;

Illi dwar il-konsistenza, natura, u durata tas-serviġi, dawn huma konsiderandi li jgħinu fid-deċiżjoni tant ta' l-eżistenza kemm ta' l-intenzjoni ta' min jagħmel u jirċievi s-servizz, u prinċipalment iservu għad-determinazzjoni tal-"quantum";

Tikkunsidra;

Illi inoltri, qabel ma tmur 'il quddiem bil-fattijiet, dina l-Qorti tħossha li għandha bħala konsiderazzjonijiet ġenerali tgħid :—

Illi l-familja tal-kontendenti hija familja tax-xogħol, ta' klassi pjuttost tal-poplu, u ta' edukazzjoni u sentimenti skarsi. Il-konvenut bniedem li sfortunatament huwa magħtub u ma jimxix, imma jitkaxkar fuq idejh, jew b'xi karrettun, jew fuq karrozza li jmexxi huwa stess. Dan l-istat fiżiku tiegħu nissel fiegħu ħafna bżonnijiet u ħafna malanni; però ad unur tiegħu jingħad illi bis-sengħa ta' landier il-konvenut irnexxielu jġabbar somma relativament rilevanti, ammontanti għal ċirka £1600. Huwa kien iħallas nofs il-kera........... Milli jidher, l-inkapaċità fiżika ma kienetx tillimita l-ispiritu ġirovagu tal-konvenut li, magħtub kif kien, kien iħobb idur bil-karrettun jew bil-karrozza ....... Fix-xogħol tiegħu kien jistinka u jħabrek, però għax-xiri ta' l-irkaptu neċessarju kien jiddependi, kif irriżulta mill-provi u qal tajjeb il-perit legali, minn ħutu Carmela Sammut fl-akbar parti, minn Maria Assunta Borg f'estensjoni iżgħar minn dik ta' Carmela, u min-neputijiet, jew għar-rimi ta' l-iskart tal-ħanut, jew sabiex jeħduh 'l hawn u l-hemm. Il-kuri personali, kif ukoll tal-ħanut........ kienu jiddependu minn oħtu Carmela....... ; xi assistenzi oħra rċieva wkoll minn għand l-atturi l-oħra, kif semma l-perit legali fir-rapport u li ma hemmx bżonn nirripetu;

Illi n-natura tas-serviġi kienet varja ħafna, mit-tisjir, ħasil, traqqigħ, tiswijiet taż-żraben, qadi, xiri ta' affarijiet u għajnuna sabiex imexxi l-karrettun u l-karrozza fit-telgħat, ħasil

tal-karrozza, tnaddif u mogħdija tal-ħwejjeġ "et similia ejusdem genera";

Illi jingħad ukoll illi l-konvenut marad tliet darbiet......... fil-kors tal-marda li kellu fl-1940, u meta kien ġà faddal xi £1600, huwa ħaseb li sejjer jiġi nieqes u għamel testment fejn ħalla xi legat ta' £100 l-oħtu Carmela Sammut billi kienet iddur bih u b'ommu, u ta' xi £50 kull wieħed lill-ulied oħtu Sunta Borg........... ;

*Omissis;*

Illi mill-fattijiet li jirriżultaw mill-provi ma jidherx li l-atturi setgħu taħt iċ-ċirkustanzi taw is-servizzi tagħhom biss "familiaritatis vel pietatis causa". Anki l-fatt li l-konvenut ried jiggratifikahom biex ħwejġu ma jaqgħux f'idejn eredi leġittimi tiegħu, li magħhom huwa ma kienx fl-aħjar relazzjoni, ma jħassarx l-idea jew l-intenzjoni tiegħu konoxxuta minn min kien qiegħed jagħtih is-servizz fil-miżuri differenti. Legalment, jekk mhux kristjanament, l-espressjoni tiegħu hija perfetta għallfinijiet ta' dina l-kawża. Kwalunkwe gratifikazzjoni żgħira li seta' ta, dik ma toqtolx id-dritt f'min kellu d-dritt għall-kumpens tas-serviġi;

Illi dina l-Qorti taqbel mal-perit dwar id-durata tasserviġi. durata fissata minnu "arbitrio boni viri", kif ukoll mal-kumpensi rispettivament fissati........... wara li ġie mnaqqas dak li kellu jiġi mnaqqas.... .......;

*Omissis;*

Għal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeċidi, wara li tapprova l-perizja, billi tilqa' t-talba ta' l-atturi u tikkundanna lill-konvenut iħallas lil Carmela Sammut £212. 5. 0, lil Maria Assunta mart Ġanni Borg £68. 2. 2, lil Alfonso Borg £15. 7. 8, lil Joseph Borg £4. 13. 6, u lil Lucy u Teresa aħwa Borg flimkien £10. 14. 0, għas-serviġi u perijodi rispettivament riżultati; bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenut; u b'hekk tponi fini għall-kawża f'din l-istanza.